**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur John Spiteri]**

**vs**

**Fayiz Alkatib**

**Kumpilazzjoni Numru:** 432/2017

**Illum, tnax (12) ta' Mejju, 2025**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Fayiz Alkatib** detentur tar-REF COM 19162 akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Settembru, 2017 u/jew fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnu

wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. **Bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' -Omissis-, minuri ta' tnax-il sena;**

2. **U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuni taht l-età u cioè -Omissis-, minuri ta' tnax-il sena;**

3. **U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuni taht l-età u cioè -Omissis-, minuri ta' tlettax-il sena;**

4. **U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b'ghemil zieni, ikkorrompa persuna taht l-età u cioè lill--Omissis-, minuri ta' tnax-il sena;**

5. **U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' -Omissis-,**

minuri ta' tnax-il sena u cioè kontra persuna msemmija fl-artikolu 202;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' -Omissis-, minuri ta' tlettax-il sena u cioè kontra persuna msemmija fl-artikolu 202;

7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skont il-ligi tal-awtorità kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tahti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill--Omissis- kontra l-volontà taghha.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà tal-vittma -Omissis- u -Omissis-;

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kenm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa;

**Il-Qorti giet gentilment mitluba li jekk jidrilha xieraq tordna ordni ta' trattament skont kif stipulat fl-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta;**

**Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn hu wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-Fedina Penali tal-imputat li hija wahda netta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tlieta (3) ta' Novembru, 2023 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikolu 18, 203 (1)[1], 204C (1)[2], 208AC (1)(b)(2)(a)(c), 207[3] u 202 (g)(k) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 6 (2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-akkuzat;

Rat li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi xehed **<u>l-Ispettur John Spiteri</u>** li pprezenta karta mahruga mill-Kummissarju tar-Refugjati, Fedina Penali tal-imputat, zewg (2) CDs li jikkontjenu zewg (2) stqarrijiet tal-akkuzat, cellulari, estratt tat-

[1] Qabel l-emendi li dahhlu fis-sehh permezz tal-Att XIII tal-2018
[2] Qabel l-emendi li dahhlu fis-sehh permezz tal-Att XIII tal-2018
[3] Qabel l-emendi li dahhlu fis-sehh permezz tal-Att XIII tal-2018

twelid ta' -Omissis-, estratt mill-att tat-twelid ta' -Omissis- u CD kontenenti stqarrija. Jghid li f'Settembru tas-sena 2017 dahlu diversi rapporti rigward minuri nieqsa mir-residenza -Omissis- li tinsab gewwa -Omissis- u dan specifikament rigward -Omissis- u -Omissis-. Jixhed li dawn iz-zewg (2) minuri kellhom care orders mahrugin fuq isimhom u li dawn il-minuri kellhom l-età ta' tlettax (13)-il sena u tnax (12)-il sena. Kien ghalhekk li kkomunika mal-Head of Care certu -Omissis- sabiex iggib dawn iz-zewg minuri s'ghandu l-ufficcju u dan biex jaccerta ruhu li mhumiex f'xi tip ta' periklu. Jghid li -Omissis- setghet tinnota li -Omissis- akkwistat cellulari gdid u li zgur ma kellhiex bizzejjed flus sabiex tixtri xi haga li tiswa daqshekk flus. Jghid li meta hu kellem lil -Omissis- u lil -Omissis- seta' jinnota li l-minuri kienu qeghdin jevitaw milli jghidulu l-verità sabiex ikunu jistghu jergghu jaharbu mir-residenza. Izid jghid li wara diversi investigazzjonijiet sar jaf li wiehed mill-irgiel li kien jiltaqa' ma' dawn il-minorenni kien l-akkuzat. Jixhed li kienu jiltaqghu fil-Pjazza tal-Hamrun u minn hemm kienu jmorru r-residenza tal-akkuzat jew inkella gewwa Paceville.

Ikompli jghid li skopra li f'din il-hbiberija mal-akkuzat seta' kien hemm attivitajiet sesswali bejn l-istess akkuzat u l-minorenni. Jixhed li -Omissis- kkonfermat mieghu li kien l-akkuzat li taha cellulari gdid u fil-fatt ghal bidu ma kinitx tat spjegazzjoni ghalfejn irceviet tali cellulari. Izid jghid però li -Omissis- ammettiet li wettqet sess orali fuq l-akkuzat u kien ghalhekk li hu taha cellulari. Jixhed ukoll li fil-fatt -Omissis- kkonfermat dan il-fatt u cioè li -Omissis- u l-akkuzat iltaqghu gol-istabbiliment tal-Pizza4U u minn hemm marru go garaxx hdejn l-Isptar ta' San Luqa fejn hi mmasturbat lill-akkuzat u wettqet sess orali fuqu. Jixhed li -Omissis- ikkonfermat mieghu li kien hemm incident meta l-akkuzat offra lil -Omissis- u lilha sabiex ibusuh u ghalhekk tahom l-ammont ta' hamsin ewro (€50). Izid jghid li l-istess haga kien gara darba ohra biz-zieda però li l-akkuzat xtaq lil -Omissis- sabiex twettaq sess orali fuqu. Jixhed però li wara din id-dikjarazzjoni gie zvelat li -Omissis- kienet anke ppartecipat f'sess anali mal-akkuzat u dan minghajr il-kunsens taghha. Tali incident kien anke kkonfermat minn -Omissis-. Jghid ukoll li -Omissis- kienet kompliet tistqarr li l-akkuzat kien anke pprova jdahhal idejh gol-qalziet ta' taht taghha izda hi waqfitu. Jispjega li hi ma qaltlux b'dan kollu l-ewwel darba stante li ma xtaqitx tohloq inkwiet mal-

carers tar-residenza. Izid jghid li fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru kien arresta lill-akkuzat u dan wara li infurmah bir-raguni tal-arrest kif ukoll wara li infurmah bid-drittijiet tieghu skont il-ligi nkluz id-dritt li jkollu avukat tal-fiducja tieghu. Izid jghid li b'kollox ittihdulu tliet (3) stqarrijiet. Jixhed li kien gie infurmat mill-Head of Home li wara li wettqet xi testijiet gewwa l-GU clinic irrizulta li -Omissis- kienet qieghda tbati minn kundizzjoni tas-sahha li tigi trasmessa minn attivitajiet sesswali.

Inkontroezami jghid li din ma kinitx l-ewwel darba li -Omissis- kellha rapport sesswali ma' xi hadd izda l-ewwel darba taghha li kellha sess anali ma' xi hadd. Jikkonferma li wara dan l-allegat incident ma baqax jircievi rapporti ta' persuna nieqsa fil-konfront ta' -Omissis- stante li kienet qieghda tmur ir-residenza wara l-iskola. Jghid li mill-investigazzjonijiet li wettaq irrizulta li -Omissis- ma kinitx qieghda taghmel uzu mis-sustanza tal-cannabis. Jghid li -Omissis- kienet ilha tirrisjedi gewwa l-istitut minn -Omissis- tas-sena -Omissis-.

Illi xehdet il-minuri **-Omissis-** bis-sistema awdjo-viziva u li kellha tlettax (13)-il sena meta sehh l-allegat reat. Tghid li hija residenti

gewwa dar -Omissis- u meta kienet tahrab minn hemm hi kienet tmur il-pjazza tal-Hamrun u gieli kienet anke tmur ghand certu Mustafa gewwa l-Marsa u dan flimkien ma' -Omissis-, -Omissis-, -Omissis- u madwar erba' (4) Sirjani ohra. Tghid li fid-dar ta' Mustafa hi raqdet hemm darba (1) filwaqt li darbtejn (2) ohra kienet sempliciment qaghdet hemmhekk. Tixhed li -Omissis- kienet raqdet god-dar ta' Mustafa darba (1) meta kienet wahedha kif ukoll l-ghada meta marret torqod hemmhekk hi stess. Izzid tghid li l-akkuzat kien abbuza minn -Omissis- darbtejn. Tghid li darba minnhom hi, -Omissis- u l-akkuzat marru xi mkien fejn il-Kunsill Lokali ta' -Omissis- u l-akkuzat xtralha pakkett coleslaw. Intant dak il-hin l-akkuzat offra lil -Omissis- hamsin ewro (€50) u wettaq sess anali fuq -Omissis- filwaqt li anke pprova jmiss il-parti privata taghha stess izda hi waqfitu. Tixhed li ghall-ewwel il-hamsin ewro (€50) kien gie offrut lil -Omissis- sabiex jitbewsu biss izda -Omissis- ipprocediet biex timmasturbah. Kien dak il-hin li qabad lill-istess -Omissis- minn idha u dawwarha mal-hajt u wettaq sess anali fuqha. Tixhed li hi bezghet minnu u ma waqfitux stante li ssuspettat li kien ser isawwatha. Tikkonferma li -Omissis- kienet qed tibza' tant li kellha d-dmugh f'ghajnejha u qaltlu biex jieqaf

darbtejn izda hu kompla sal-ahhar. Tghid li dan kollu dam madwar ghaxar (10) minuti.

Tkompli tghid li wara dan l-incident hi u -Omissis- telqu u nefqu l-flus fuq ikla minghand il-McDonald's ta' Birkirkara. Tippreciza li qabel ma gara dan kollu huma ltaqghu mal-akkuzat fejn il-Pizza4U tal-Hamrun. Tispjega li kienet l-idea taghha u ta' -Omissis- li jmorru go rokna sabiex isehhu l-attivitajiet sesswali filwaqt li l-idea biex joqghod jitbewwes ma' -Omissis- u jhallasha kienet tal-akkuzat stess. Tghid li meta l-akkuzat kien eventwalment wettaq sess anali fuq -Omissis- l-akkuzat kellu l-parti privata tieghu mikxuf u dan billi nizzel ftit il-qalziet. Tixhed li -Omissis- kellha x'taqsam sesswalment mal-akkuzat darba ohra u dan wara li hu taha cellulari gdid. Tikkonferma li hi taf b'din it-tieni (2) darba stante li kienet -Omissis- stess li qaltilha. Izzid tghid li -Omissis- hasbet li l-akkuzat kien ser jaghtiha cellulari gdid biss izda skopriet li dan kien taht il-patt u kundizzjoni li hi twettaq sess orali fuqu kif fil-fatt ghamlet. Tghid li dawn l-avvenimenti graw f'temp ta' gimgha. Tixhed ukoll li l-akkuzat kien anke offrielha cellulari gdid.

Inkontroezami tghid li hi m'ghajtitx ghall-ghajnuna meta sehh l-allegat reat stante li ma kien hemm hadd ghaddej fit-triq kif ukoll ghax hi kienet bezghana. Tghid li ma harbitx mill-akkuzat biex ma thallix lil -Omissis- wahedha. Tixhed li dakinhar -Omissis- kienet liebsa leggings u tikkonferma li dak il-hin suppost kellhom ikunu gor-residenza stante li harbu ghax kienu xebghu gewwa. Tikkonferma li -Omissis- ilha residenti god-dar residenzjali madwar sitt (6) xhur filwaqt li hi ilha sena u tliet xhur. Tikkonferma li hi u -Omissis- huma hbieb. Tikkonferma wkoll li din ma kinitx l-ewwel darba li -Omissis- ppartecipat f'attivitajiet sesswali ma' ragel u fil-fatt hi kienet f'relazzjoni ma' certu -Omissis-. Tikkonferma li -Omissis- ma riditx lill-akkuzat sabiex inizzel il-qalziet tieghu u johrog il-parti privata tieghu stante li kienet qaltlu hekk. Tixhed li huma ma marrux mill-ewwel ghand il-Pulizija stante li xtaqu jonfqu l-hamsin ewro (€50). Izzid tghid li l-akkuzat ipprova jdahhal idejh taht il-leggings taghha waqt li kien qieghed ibus lil -Omissis-. Tikkonferma li tlett (3) ijiem qabel ma tahom il-hamsin ewro (€50) hi u -Omissis- kienu qalulu li huma mahrubin minn dar residenzjali u infurmawh kemm kellhom zmien. Tikkonferma li hi ghandha profil ta' Facbeook u tikkonferma wkoll li hi ttella' ritratti fuqu. Dawn ir-ritratti gieli jittiehdu minn shabha.

Illi xehdet il-minuri **-Omissis-** bis-sistema awdjo-viziva u li kellha tnax (12)-il sena meta sehh l-allegat reat. Tghid li mid-dar residenzjali -Omissis- hi kemm-il darba harbet u giet iddikjarata nieqsa stante li kienet tiddejjaq flimkien mal-habiba taghha -Omissis-. Tixhed li s-soltu kienu jmorru l-Hamrun, Birkirkara kif ukoll il-Marsa, u cioè ghand id-dar ta' certu Mustafa. Tghid li kienet qaghdet god-dar ta' Mustafa ghal madwar tlett (3) ijiem flimkien ma' -Omissis-, -Omissis- u -Omissis- li raqdet hemm ukoll ghal jumejn. Tixhed li habib taghha kien laqqaghha mal-akkuzat u li kien darba xtralha u lil -Omissis- pakkett coleslaw il-Hamrun stess. Tixhed li l-akkuzat eventwalment hadhom gewwa garaxx imwarrab gewwa -Omissis- fejn ipprova jmiss il-parti privata ta' -Omissis- izda ma hallitux. Kien dak il-hin li hu qabadha minn idha, habbatha mal-hajt u wettaq sess anali fuqha. Tixhed li qalet dan kollu wara lill-Pulizija sabiex ma ddahhalx persuni ohra fl-inkwiet. Tippreciza li dan il-garaxx jinsab vicin il-Kunsill Lokali. Tixhed li dan kollu beda meta l-akkuzat qal lil -Omissis- sabiex jinforma lil -Omissis- li hu xtaq ikollu x'jaqsam maghha sesswalment b'dana li kien lest li jaghtiha hamsin ewro (€50). Tghid li -Omissis- kienet ikkonvincietha biex taghmel dan izda kemm jitbewsu. Tghid li esperjenza simili mal-akkuzat sehhet

meta hu kien taha cellulari u dan bil-patt u kundizzjoni li hi timmasturbah u twettaq sess orali fuqu u fil-fatt, bl-insistenza tieghu, hekk sehh. Tixhed li hi qatt ma kellha esperjenza ta' sess anali izda gieli kellha x'taqsam sesswalment ma' rgiel ohra. Tixhed li wara li l-akkuzat wettaq sess anali fuqha, hi u -Omissis- baqghu sejrin bil-flus u nefquhom fuq ikla gewwa l-McDonald's ta' Birkirkara. Tghid li l-att sesswali dam nofs siegha b'kollox. Tkompli tixhed li l-ghada li gara dan kollu regghu ltaqghu fejn l-Isptar ta' San Luqa gewwa Gwardamanga u kien hemm li hi kienet immasturbat lill-akkuzat kif ukoll wettqet sess orali fuqu. Tikkonferma li meta l-akkkuzat wettaq sess anali fuqha, l-akkuzat kien egakola barra mal-art.

Inkontroezami tghid li kien l-akkuzat li nizzlilha l-qalziet filwaqt li hi ppruvat ttih il-gambetti biex timbuttah. Tikkonferma li -Omissis- m'ghenithiex stante li kienet bezghana. Tixhed li huma ppruvaw jghidulu biex jieqaf billi jghajtu izda hadd ma semaghha, iktar u iktar meta tqis il-fatt li l-garaxx jinsab fl-imwarrab. Tghid li huma ma marrux mill-ewwel s'ghand il-Pulizija stante li ma kellhomx fiducja fil-Pulizija. Tikkonferma li hi kemm-il darba harbet mill-istitut u hi ilha tirrisjedi hemmhekk bejn sitta (6) u

seba' (7) xhur. Tixhed li hi kienet tahrab stante li -Omissis- kienet tikkonvinciha. Tikkonferma li hi kellha relazzjonijiet sesswali ma' madwar erba' (4) persuni u kienet wettqet sess orali fuq hamsa (5) min-nies izda mhux bl-ghan li taghmel qligh. Tghid li ma kinitx hi li ddecidiet minn jeddha biex tiltaqa' mal-akkuzat ghat-tieni (2) darba izda nzertat lill-akkuzat barra. Tikkonferma li l-akkuzat kien weggaghha meta wettaq sess anali fuqha izda ma marritx l-isptar dak il-hin stess. Tghid li stante li l-akkuzat habbatha mal-hajt hi weggghet idejha wkoll izda hi ma marritx go poliklinika. Tikkonferma li dakinhar kienet liebsa jeggins u flokk. Tghid li wara l-esperjenza kerha li kellha kienet ramiet il-jeggings. Izzid tghid li meta kellha x'taqsam sesswalment mal-akkuzat hi kienet f'relazzjoni ma' certu -Omissis- ghal madwar xahar.

Illi xehdet **<u>-Omissis-</u>** li tghid li hija Head of Care gewwa zewg (2) residenzi u cioè -Omissis- u -Omissis-. Tghid li kien hemm xi zmien meta zewg (2) tfajliet kienu qeghdin jaharbu mir-residenza b'mod konsistenti u saret taf li kienet qieghda titlajja ma' xi Sirjani gewwa l-Marsa. Tikkonferma li dawn it-tfajliet huma -Omissis- u -Omissis- u dak iz-zmien kienu minorenni fil-fatt -Omissis- kellha hdax (11)-il sena u -Omissis- kellha tnax (12)-il sena.

Tixhed li -Omissis- u -Omissis- kienu ma' zewgt (2) irgiel u kellha grazzja ma' wiehed minnhom bl-isem ta' Mustafa. Tixhed li rigward ir-ragel l-iehor dan kellu iktar minn erbghin (40) sena u li kien ftiehem biex jiltaqa' ma' -Omissis- u -Omissis- bil-wieghda li hu kien lest jaghtihom madwar hamsin ewro (€50). Tghid li hi ma ratx il-flus f'idejn iz-zewg minuri izda qalulha l-haddiema socjali kif ukoll -Omissis- li kkonfermat maghha li nefquhom fuq ikla McDonald's kif ukoll fuq xi hwejjeg. Tghid li wara li kellmet lil -Omissis- u lil -Omissis- skopriet li -Omissis- kellha x'taqsam sesswalment ma' dawn iz-zewgt (2) irgiel. Izzid tghid li meta kellmet lil -Omissis- dwar dan kollu hi spjegatilha kif wiehed miz-zewgt (2) irgiel kien messha sesswalment. Tixhed li -Omissis- filwaqt li amettiet maghha li kellha x'taqsam mar-ragel li huwa zghir fl-età, ma specifikatx x'gara bejnha u bejn ir-ragel li ghandu erbghin (40) sena.

Inkontroezami tghid li l-ewwel darba li kellmet lill-minorenni kien fl-ufficcju tal-Pulizija. Tghid li kull darba li ssemma r-ragel ta' wiehed u erbghin (41) sena l-minuri dejjem ikkonfermaw li kien hemm attivitajiet sesswali bejniethom.

Illi xehdet Maria Spiteri ghan-nom u inrapprezentanza tal-Agenzija Appogg li pprezentat care order ta' -Omissis- li harget fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu 2011.

Illi xehdet Darlene Gauci ghan-nom u inrapprezentanza tal-Agenzija Appogg li pprezentat care order ta' -Omissis- li harget fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru 2007.

Illi xehdet Darlene Brincat ghan-nom u inrapprezentanza tal-Agenzija Appogg li tghid li hi kienet giet infurmata mill-home x'kien gara fir-rigward ta' -Omissis-. Tixhed li meta hi avvicinat lill-istess -Omissis- u talbet ghal informazzjoni hi qatt ma kienet tghidilha xejn.

Illi regghet xehdet Maria Spiteri ghan-nom u inrapprezentanza tal-Agenzija Appogg li tghid li hija l-haddiema socjali ta' -Omissis-. Tghid li meta sehh l-allegat incident -Omissis- ma kinitx tkellmet maghha izda kienet kellmet lill-haddiema tal-home. Tixhed li kienet mgharrfa bil-fatt li hi l-hin kollu tahrab mir-residenza izda ma kinitx tkun taf fejn tmur.

Illi xehed <u>Dr Steven Farrugia Sacco</u> li kien gie mahtur minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru 2017 sabiex janalizza cellulari u jikseb informazzjoni minn service providers. Tali analizi u konkluzjonijiet gew ipprezentati tramite rapport immarkat bhala Dok. SFS1.

Illi xehdet <u>Claire Busuttil</u> li tghid li hi tahdem fir-residenza -Omissis- u tixhed li l-head of care kienet ghadditilha l-kaz ta' zewg (2) tfajliet, u cioè -Omissis- u -Omissis-, u dan sabiex tnizzilhom id-Depot sabiex jigu interrogati mill-Pulizija.

Illi xehdet <u>-Omisssis-</u> li tghid li hi tahdem part-time u kienet giet imqabbda mill-head of care sabiex twassal lill-minuri -Omissis- u -Omissis- gewwa d-Depot sabiex jigu interrogati mill-Pulizija. Tixhed li hi fil-fatt kienet hadithom bl-ghajnuna ta' -Omissis-.

Illi xehdet <u>Nadia Lanzon</u> li pprezentat traskrizzjoni tal-istqarrija tal-akkuzat u mmarkata bhala Dok. NL1.

Illi xehdet <u>-Omissis-</u> bis-sistema awdjo-viziva li tghid li hi taf lil -Omissis- u lil -Omissis- mir-residenza ta' -Omissis-. Tghid li -

Omissis- kienet qaltilha li certu Mustafa kien bies lill-istess -Omissis-. Izzid tghid però li -Omissis- sahqet maghha li dan ma kienx minnu. Tghid li saret taf ukoll li l-akkuzat kien mess lil -Omissis- b'mod sesswali u kien ghalhekk li hu taha xi flus. Tixhed li hi taf lill-akkuzat kif ukoll lil certu Mustafa. Tghid li l-akkuzat kien jaghtiha s-sigaretti filwaqt li Mustafa kienet tinzertah fil-pjazza tal-Hamrun. Tixhed li darba minnhom inzertat lil -Omissis- u -Omissis- flimkien ma' Mustafa u dan meta kien ma' certu -Omissis-. Tghid li hi kienet rat lil -Omissis- u -Omissis- darb'ohra gewwa l-Blata l-Bajda u hemmhekk -Omissis- qaltilha li mhux minnu li -Omissis- bieset lil Mustafa. Tghid li hi ma tafx x'kien gara bejniethom.

Illi xehed **<u>-Omissis-</u>** bis-sistema awdjo-viziva li jghid li hu ma jaf xejn dwar l-akkuzat izda jiftakar li darba hu, -Omissis-, -Omissis- u -Omissis- kienu ghand certu Mustafa gewwa l-Marsa. Jixhed li -Omissis- u -Omissis- kienu rinomati li jaharbu mir-residenza u kienu raqdu kollha go kamra wahda fid-dar ta' Mustafa. Jixhed li dak il-lejl u ma ra xejn hazin u jzid jghid li llum il-gurnata ma jkellimx lil Mustafa. Jghid li -Omissis- kienet qaltlu li l-akkuzat kien offra cellulari jekk hi twettaq sess orali fuqu.

Illi xehdu konguntivament **Dr Mario Scerri u Dr Chris Barbara** li kienu gew inkarigati minn din il-Qorti kif diversement presjeduta sabiex jezaminaw lil -Omissis-, Fayiz Alkatib u Mustafa Alhmeidi. Jghidu li huma accedew l-Isptar Mater Dei fl-ewwel (1) ta' Novembru 2018 u ezaminaw il-partijiet genitali tat-tliet (3) persuni. Innutaw li ma deherx li kien hemm lezjonijiet trasmessi sesswalment bhal herpes, cancer, syphilis eccetera. Dr Mario Scerri jixhed li hu ha l-kampjuni u ghaddiehom lill-patologu Dr Chris Barbara. Dr Chris Barbara jghid li t-testijiet saru fl-ewwel (1) ta' Novembru 2018 u dan sabiex jivverifika jekk kienx hemm prezenza ta' HIV, Hepatitis B, Hepatitis C, Chlamydia, Gonorrhea u Sifilide. Jixhed li dawn kollha rrizultaw fin-negattiv u tali rizultati gew ipprezentati f'rapport immarkat bhala Dok. CB1.

Illi xehed **PS 1326 Roy Sciberras** li jikkonferma l-istqarrijiet tal-akkuzat a fol. 8 u 9 tal-atti processwali.

Illi xehdet **Jamila Essail** li tikkonferma li fiz-zewg (2) stqarrijiet tal-akkuzat hi kienet qieghda tittraduci d-domandi tal-Pulizija mil-lingwa Maltija ghal dik Gharbija u vici versa.

Illi regghet xehdet **Nadia Lanzon** li tghid li kienet inkarigata sabiex twettaq traskrizzjoni ta' stqarrija u traduzzjoni. Ghal din l-istqarrija tghid li kien hemm prezenti interpretu sabiex jaqleb mil-lingwa Maltija ghal dik Gharbija u vici-versa. Tali traskrizzjoni giet ipprezentata u mmarkata bhala Dok. NL2.

Illi xehed **Keith Cutajar** li nhatar minn din il-Qorti fis-sebgha (7) ta' Frar 2022 sabiex iwettaq extraction mis-sistema Facebook tal-vittma minuri -Omissis- u dan sabiex jinhargu messaggi li seta' kien hemm bejnha u bejn l-akkuzat. Jghid li fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2022 hu kien iltaqa' mal-minuri -Omissis- flimkien mal-haddiema socjali taghha fejn mic-cellulari taghha tal-ghamla Apple iPhone11 wettaq extraction ta' kwalunkwe messaggi li kien hemm bejn -Omissis- u l-akkuzat. Tali extraction gie rrappurtat f'rapport immarkat bhala Dok. KC1.

Illi regghet xehdet **-Omissis-** bis-sistema awdjo-viziva. Tghid li c-chats esebiti a fol. 472 sa 491 tal-atti processwali huma messaggi bejnha u bejn certu Mustafa Mohamed Abullah Hosan. Tghid li dan kien rigward laqgha li kienet se ssir ma' dan ir-ragel izda ma tafx ghalxiex kienu se jiltaqghu. Tghid li fil-bidu dan ir-ragel kien

qieghed igib is-sigaretti ghaliha u ghal -Omissis- u eventwalment kien anke offra li jixtri cellulari ghalihom. Tghid li Mustafa kien insista li xtaqhom iduru mieghu fil-vann u hi kienet ghamlitha cara li ma riditx tkun partecipi fi flus mahmugin bhal ma kienet ommha (li kienet tahdem bhala prostituta). Izzid tghid li eventwalment kienet ittiehdet go dar il-Hamrun flimkien ma' -Omissis-. Tixhed li l-akkuzat kellu x'jaqsam sesswalment ma' -Omissis- u li c-cellulari minn fejn originaw ic-chats kien jappartjeni lil Mustafa. Tikkonferma li hi ma kellhiex x'taqsam sesswalment mal-akkuzat. Rigward l-akkuzat hi kull ma tiftakar li -Omissis- kienet marret mieghu u hu kien taha hamsin ewro (€50). Tghid li -Omissis- fil-fatt kellha x'taqsam sesswalment ma' certu Mustafa li kellu dar gewwa l-Marsa u kien taha pakkett coleslaw apparti l-hamsin ewro (€50). Tghid li ghall-flus u dan il-pakkett coleslaw ma tafx x'ghamlet -Omissis- ma' dan Mustafa.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emad Masoud</u>** gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla) (Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li*

*trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi f'dawn il-proceduri jirrizulta li ma hemmx provi tangibbli u konkreti li l-allegati reati kkommettihom l-imputat odjern u dan ghaliex jirrizulta li hargu diversi inkonsistenzi u nuqqasijiet fil-provi li ngabru mill-prosekuzzjoni partikolarment fit-testimonjanzi tal-minuri, u dan kif ser jigi spjegat f'din is-sentenza.

Illi ghaldaqstant ser jigu ezaminati il-provi cirkostanzjali li ngabru tul il-proceduri. Illi l-Qrati nostrani huma cari fuq dan is-suggett. Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

> *""Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda*

*anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioè li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Di più mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **<u>Pulizija vs Cyrus Engerer</u>** (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

*"...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi*

*kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif digà nghad, dan il-kaz jistrieh fuq il-kredibilità tal-parte civile -Omissis- u -Omissis- kif ikkorroborati mal-provi l-ohra mressqa mill-prosekuzzjoni. Zewg affarijiet li din il-Qorti tikkonsidra meta tkun qed tanalizza tali xhieda ta' minorenni huma dawk tal-idonejità taghhom bhala xhud u l-veracità tat-testimonjanza taghhom.

Illi fl-ewwel lok a rigward l-idonejità tal-minuri bhala xhud, tezisti gurisprudenza varja dwar dan il-kuncett. Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Giuzeppi Bonnici</u> datata 28 ta' Marzu 1949, gie stipulat hekk -

*"Skond il-Ligi Maltija (art. 626 Kap. 12 [illum art. 630 Kap. 9]), hadd ma jista' jigi eskluz milli jaghti x-xhieda tieghu*

*minhabba li ma jkollux xi età partikulari. Izda, tkompli tghid il-Ligi ta' Malta, hemm bzonn li l-Qorti tkun sodisfatta illi x-xhud, ghalkemm mhux ta' l- età, jaf illi hija haga hazina li wiehed jixhed il-falz. Minbarra dan, hu wkoll ligi (art. 625 [illum 629] illi meta l-Qorti, minhabba l-età tax-xhud, ikollha dubju jekk hu jifhemx l- importanza tal-gurament, anki wara t-tifsir tal-Qorti, u jkun jidhrilha mehtieg illi x-xhud, qabel ma jixhed, ghandu jigi nfurmat ahjar dwar il-konsegwenzi ta' xhieda falza, hija tista', jekk fil-fehma taghha x-xhieda ta' dak ix-xhud hija rilevanti, thalli l-kawza ghal gurnata ohra;"*

Illi, ukoll il-kwistjoni tal-età tax-xhud, fuq l-iskorta tat-test tal-ligi u l-gurisprudenza varja, giet indirizzata minn Sir Anthony Mamo fin-*"**Notes on Criminal Procedure**"* b'dan il-mod:

*"The essential condition [dwar il-kompetenza tax-xhud] is that the person shall be of sound mind at the time of being tendered as a witness. If this condition is satisfied, the want of any particular age is not a reason for excluding competence, it being sufficient that the court be satisfied*

*that the witness, though of young age, understands that it is wrong to give false testimony .... **Competency thus depends not on the precise age but upon the actual intelligence of the witness.***

*Our law still makes it essential, however, to the competency of every witness that he should know and accept the obligation of an oath and that he shall in fact be sworn. The principle upon which our law still proceeds is that 'it places no reliance on testimony not given on oath. Consequently no person whatever his age can give testimony upon any trial, civil or criminal, until he has, in the form prescribed by law, given an outward pledge that he considers himself responsible for the truth of what he is about to narrate, and renders himself liable to the temporal penalties of perjury in the event of his wilfully and corruptly giving false evidence' ....*

*If on account of his age or for other reasons it appears doubtful whether a person tendered as a witness understands the obligation of the oath, the court explains*

*this to the witness; and if, notwithstanding such explanation the court shall deem it necessary that the witness, before giving evidence, be further instructed as to the consequence of the false testimony, the court may, if it considers the evidence of such witness to be important for the ends of justice, adjourn the trial to another day and, should the case be before the criminal court, discharge the jury.*

***If the court is not satisfied that the proposed witness can understand the obligation of the oath (nor that he can be instructed as aforesaid) the court is bound to reject that witness as incompetent***[4]*. It cannot hear him without oath (...)"*

Illi rigward il-veracità tax-xhieda tal-minorenni ghandu jinghad mill-bidu, li fix-xhieda taghha, -Omissis- kienet inkonsistenti u dan ghaliex il-verzjoni taghha qablitx mal-verzjoni ta' diversi xhieda li ressqet il-prosekuzzjoni.

[4] Emfazi tal-Qorti

Illi referenza qieghda ssir ghax-xhieda ta' -Omissis-[5] fejn meta rrakkontat dwar kif iltaqghet mal-akkuzat hi tghid li hi u -Omissis- kienu ltaqghu mal-akkuzat tramite habib taghhom (liema habib ma giex identifikat). Xehdet li l-akkuzat kien hadhom jieklu l-coleslaw u mbaghad marru sal-bandli tal-Pietà. Kompliet tixhed li eventwalment l-akkuzat hadhom go garaxx imwarrab li jinsab hdejn il-mini ta' -Omissis-.

Illi fix-xhieda taghha fit-tlettax (13) t'Ottubru 2017 -Omissis- tghid li hi u -Omissis- kienu mixjin lejn id-dar residenzjali meta f'mument minnhom iltaqghu mal-akkuzat u hadhom go post u dan minghajr ma pprecizzat fejn ezatti. L-uniku post li ssemmi kien il-Kunsill Lokali ta' -Omissis-.

Illi dan in-nuqqas fid-dettal da parti ta' -Omissis- ghandu jimmilita favur kontra l-akkuzat specjalment meta wiehed iqabbel din it-testimonjanza ma' dik ta' -Omissis-. Kien evidenti li filwaqt li -Omissis- kienet dettaljata sabiex tohloq storja kontra l-akkuzat, -Omissis- rikbet din l-istorja minghajr ma kienet kapaci tiftakar

[5] Seduta datata tlettax (13) t'Ottubru 2017

certu dettalji krucjali. Dan kollu jwassal lil din il-Qorti sabiex tqis il-verzjonijiet tal-allegati vittmi bhala kontradittorji.

Illi min-naha l-ohra l-imputat ghazel li ma jixhidx filwaqt li kien ghazel li jwiegeb ghad-domandi maghmulin lilu fit-tliet (3) interrogazzjonijiet tieghu. Tali stqarrijiet gew esebiti minn Nadia Lanzon. Il-Qorti sejra tiddikjara minn issa li tali stqarrija sejra titqies bhala prova krucjali ghal dan il-kaz odjern u dan in linea mar-ragunament ta' diversi sentenzi mill-Qrati nostrani kif ukoll Ewropea[6].

Illi fl-istqarrijiet tieghu l-akkuzat cahad b'mod kategoriku li hu kellu x'jaqsam sesswalment ma' -Omissis- u ma' -Omissis-. Anzi jghid li kien ikkomunika maghhom sabiex isibulu gharusa ta' età maggorenni u dan billi kien hallashom.

## Ikkunsidrat

[6] **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali**, deciza 11/4/2011 u 12/4/2011, Qorti tal-Appell; **Beuze vs Belgium**, deciza 9/11/2018, Grand Chamber tal-Qorti Ewropea; **Farrugia vs Malta**, deciza 4/6/2019, Grand Chamber tal-Qorti Ewropea; **Mark Charles Kenneth Stephens** vs Malta, deciza 14/1/2020, Grand Chamber tal-Qorti Ewropea;

Illi oramaj huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghal-liberatorja tal-imputat ghaliex il-Qorti hija obbligata li tevalwa l-provi fl-assjem taghhom u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min tista' temmen u f'xiex u dan *multo magis* f'dawn it-tip ta' kawzi meta jkollok verzjoni ta' minorenni versu verzjoni ta' persuna ohra.

Illi huwa principju bazilari wkoll li r-reat li bih gie mixli l-imputat irid jigi ppruvat mill-prosekuzzjoni 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Dan ifisser li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li din il-Qorti trid tasal ghalih hu, li wara li tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-provi kollha, tkun moralment konvinta minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. F'dawn il-kuntesti l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal **Lord Denning**:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities*

*to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis** deciza mill-Qorti Kriminali fil-11 ta' Jannar 2019 inghad:

*"Illi huwa minnu illi dawn il-kazijiet ta' reati kontra l-persuna fosthom stupru, u korruzzjoni ta' minuri hafna drabi jipprezentaw stampa fejn l-provi probatorji ikunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni involuti f'dan l-event kriminuz u cioè il-verzjoni tal-minuri u dik tal-persuna akkuzata. Wiehed jghid iswed u l-iehor jghid abjad biex b'hekk ghandhom rwol rizoluttiv, il-kredibilta' u l-attendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibilita` u attendibilita f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha.*

*Illi inoltre biex tezamina l-kredibilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji ipprezentati quddiemha mhux biss mix-xhieda tal-atturi ewlenin involuti f'din il-vicenda sfortunata, izda ukoll tax-xhieda l-ohra li iddeponew u xhieda ohra li taw il-kontribuzzjoni taghhom professjonali ghar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza, ezercizzju li din il-Qorti trid taghmel b'mod konciz u dettaljat."*

Illi fuq dan is-suggett u ghall-kompletezza, qed issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**[7] fejn gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

[7] QA Kriminali – deciza fid-19 ta' Mejju 1997

Illi wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja."*

Ukoll fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn**[8], il-Qorti qalet:

*"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"*

[8] QA Kriminali – deciza 9 ta' Lulju 2003

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace**[9] inghad is-segwenti:

> *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija millArtikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Illi l-Qorti rat ukoll dak li jipprovdi Artikolu 637 dwar kif ghandha tanalizza kredibbiltà ta' xhud b'dan illi, *"id-decisjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix- xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal- kaz."*

[9] QA Kriminali deciza fil-31 ta' Ottubru 2013

Illi l-vittma -Omissis- kellha l-opportunità sabiex tixhed darbtejn (2) f'dawn il-proceduri u ghalhekk kellha c-cans sabiex tikkonferma dak kollu li qieghed jigi allegat kontra l-akkuzat. Minkejja dan, il-Qorti tinsab perplessa kif hargu inkonsistenzi kbar bejn dak li xehdet orignarjament fit-tlettax (13) ta' Gunju 2017 u dak li xehdet fis-sitta (6) ta' Frar 2023. Hi stess tikkonferma f'din l-ahhar seduta li hi ma kellhiex x'taqsam sesswalment mal-akkuzat sal-punt li m'gharfitx lill-akkuzat.

Illi *di più* filwaqt li l-ewwel darba li xehdet kienet sahqet li hi kienet prezenti meta l-akkuzat wettaq attivitajiet sesswali ma' -Omissis-, fit-tieni (2) darba hi tixhed li ma tafx x'gara bejn -Omissis- u Fayiz Alkatib stante li ma kinitx hemm. Il-Qorti ma tistax tifhem ghalfejn l-istess vittma ghazlet sabiex taghti zewg (2) verzjonijiet totalment differenti minn xulxin sal-punt li anke dghajfet il-verzjoni ta' -Omissis-.

Illi ghalhekk din il-Qorti jidhrilha li l-verzjonijiet tal-allegati vittmi m'ghandhomx jitwemmnu filwaqt li l-imputat bl-ghajnuna ta' diversi provi li tressqu kkonvinca li sar biss dak li stqarr hu u dan kif ser jigi spjegat.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi sabiex tigi ppruvata l-konnessjoni bejn l-akkuzat u l-allegata vittma -Omissis- il-prosekuzzjoni kienet talbet il-hatra ta' espert sabiex janalizza c-cellulari tal-istess minuri. Illi jidher mic-chats esebiti a fol. 457 *et sequitur* li l-allegata vittma kellha kuntatt ma' xi hadd però din il-persuna ma setghetx tigi identifikata minn dan l-analizi. Jinghad però li l-allegata vittma fix-xhieda taghha datata sitta (6) ta' Frar tas-sena 2023 insistiet li din il-persuna ma kienx l-akkuzat izda kien certu Mustafa.

Illi *di più* f'certu punt matul il-proceduri kien gie insinwat li l-akkuzat kien ittrasmetta marda lil -Omissis- tramite attivitajiet sesswali. Kien ghalhekk li l-prosekuzzjoni kienet talbet il-hatra ta' tobba li setghu jivverifikaw din l-allegazzjoni. Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li kkonkludew Dr Mario Scerri u Dr Chris Barbara a fol. 287 *et sequitur* tal-atti processwali:

> *"Wara li l-esponenti accedew fid-dipartiment tal-patologija fejn hemm Dr. Mario Scerri ezamina lil -Omissis-, Fayiz Alkhatib u Mustafa Alhmedi dwar*

*lezjonijiet esterni li jgibu maghhom certu mard trasmett sesswalment;*

*Illi wara li ttiehdu urethral swabs, vaginal swab fil-kaz ta' -Omissis- u kampjuni ohra fil-kaz ta' Fayiz Alkhatib u Mustafa Alhmedi;*

*Illi wara li dawn gew analizzati mill-espert Dr Chris Barbara l-esponenti jikkonkludu:*

1. *Illi ma kienx hemm evidenza esterna ta' mard trasmess sesswalment u lanqas evidenza sirologika jew mill-ezami tal-awrina tal-imsemmija -Omissis-, Fayiz Alkhatib u Mustafa Alhmedi ta' mard trasmess sesswalment"*

Illi dan ikompli jsahhah il-verzjoni tal-imputat li hu fl-ebda mument ma kellu x'jaqsam sesswalment ma' -Omissis-.

Illi stante dan kollu l-Qorti ma tistax b'mod konkret u minghajr ebda dubju ssib htija fil-konfront tal-akkuzat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Fayiz Alkatib** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih stante li ma gewx ippruvati oltrè d-dubju dettat mil-ligi u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena.

---------------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**